# Il-Bini tal-Parroċċa ta' Kristu Re



Il-Parroċċa Kristu Re f'Raħal Ġdid ġiet imwaqqfa nhar it-2 ta' Lulju 1910 mill-Isqof Pietru Pace. L-ewwel Vigarju Kurat kien Dun Salv Busuttil. Il-Knisja ta' Santa Ubaldeska kienet oriġinarjament mibnija bi spejjeż tal-Gran Mastru De Paule fl-1629 fuq pjanta ta' Vittorio Cassar. Wara ġiet imkabbra u anke l-faċċata tagħha ġiet mibdula u maħruġa aktar 'il quddiem. Meta ġiet imkabbra, peress li l-maġġoranza tal-popolazzjoni kienet mill-Kottonera twaqqfu artali ddedikati lill-Kunċizzjoni, lill-Bambina, lil San Lawrenz, dak lil Santa Ubaldeska bil-kwadru fuqu xogħol tal-Pittur Gorgno, fejn fih jidher il-Gran Mastru De Paule u kwadru ta' l-Artal Maġġur impitter minn Lazzaru Pisani li ġie mżanżan fl-1911 li fih juri l-Qalb ta' Ġesù. Din il-Knisja damet tintuża sa l-1936 meta f'Ħadd il-Palm ġie trasferit is-sagrament għall-Knisja l-ġdida.

Din il-Knisja l-ġdida bdiet tinbena fl-1923 meta tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dan beda jsir meta l-Knisja ta' Santa Ubaldeska kienet għadha kif ġiet imkabbra, imma minħabba li l-popolazzjoni ta' Raħal Ġdid bdiet tikber, allura kellha tittieħed deċiżjoni. L-art għall-bini tal-Knisja kienet mogħtija mill-Gvern u biċċa oħra minn Ġużè Damato. Dun Nerik Bonnici kien il-Kappillan li beda jieħu ħsieb biex jara din il-ħolma titwettaq. Il-pjanti tħejjew minn Ġużè Damato u dawn ġew iffirmati mill-Perit Filippu Tortell. Fil-bini ta' din il-knisja barra l-kontribuzzjonijiet tal-poplu, kien hemm żewġ benefatturi speċjali; dawn kienu Ġużè Damato u Monsinjur Francesco Xuereb.

It-teknika li ntużat fil-bini ta' din il-parroċċa hija dik magħrufa bħala *'reinforced concrete'* li kienet għadha fl-introduzzjoni tagħha fil-gżejjer tagħna. Wieħed jista' jimmaġina li fl-istess żmien ukoll kien qiegħed isir ix-*'Chalet'* f'Għar id-Dud tas-Sliema bl-istess teknika u minħabba f'hekk waqaf ix-xogħol biex jiġi studjat jekk din it-teknika tkomplix tintuża jew le. Imma fuq dan, Ġużè Damato kien ġie mfaħħar u fl-1928 kien tħalla jkompli bil-proġett tal-bini. Il-bini dam sejjer ħafna tant li fl-1959 kienet tlestiet il-Koppla. Din il-Koppla, meta wieħed jistudja kif inhi magħmula hija waħda li tammira l-ħila ta' Ġużè Damato. Dan minħabba li hija maħduma f'forma ta' żewġ koppli, waħda mdaħħla f'oħra. Wara dan, il-Knisja baqa' jsirilha dejjem aktar xogħlijiet biex tkun aktar komda u anke jkollha fejn jiġi merfugħ l-armar. Barra minn hekk ġiet miżbugħa u wieħed jista' jgħid li ħarġet is-sbuħija ta' l-istil joniku modern li fuqha hija mibnija din l-opra ta' Ġużè Damato.

Bħala titular lill-Kristu Re, l-idea tnisslet meta din il-festa ġiet stabbilita mill-Papa Piju XI fl-1925. Fl-1945 it-Titular inbidel u minn dak tal-Qalb ta' Ġesù sar Kristu Re u l-festa bdiet biex issir fit-tieni Ħadd ta' Ottubru. Bħala statwa ta' Kristu Re nsibu dik ta' l-irħam li saret fl-1936 f'Ruma u tħallset minn Gian Patist Decesare, u dik maħduma minn Toni Farrugia u mħallsa mill-Kaptan Xuereb. Barra dik ta' l-irħam li semmejna, fil-Knisja nsibu waħda ta' San Lawrenz

maħduma f'Bolzano, San Ġużepp ta' Wistin Galea, hemm il-Kunċizzjoni u l-Bambina maħduma minn Spiteri Sacco u hemm oħrajn li saru riċenti bħal San Pietru u San Pawl. Hemm ukoll statwa oħra ta' Kristu Re maħduma minn Alfred Camilleri Cauchi.

Il-festa qed tiġi ċċelebrata fir-raba' Ħadd ta' Lulju u ilha ssir f'daż-żmien tas-sena sa mill-1955. Fil-purċissjoni taħt il-baldakkin fejn jitpoġġa s-Sagrament, ikun hemm il-pedestall ta' l-Istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Dan kien minflok dak tal-fidda li hemm illum.

Tul it-twaqqif tal-Parroċċa, din kienet immexxija minn dawn il-Kappillani:- Dun Salv Chircop mill-Belt, Dun Manwel Vella mill-Isla, Dun Nerik Bonnici mill-Isla, Dun Manwel Vella mill-Ħamrun, Dun Franġisk Xuereb miż-Żejtun, Dun Adolf Agius minn San Pawl il-Baħar, Dun Anton Gouder mill-Isla, Dun Anton Cassar mis-Siġġiewi u dak preżenti Dun Noel Vassallo mill-Imġarr, Malta.

*Joe Balzan*
30.03.98

**Referenzi**

Knejjes Parrokkjali P.I.N.
Bliet u Rħula Maltin - Alfie Guillaumier
5000 years of Architecture in Malta - Leonard Mahoney

*Il-Fiorista*

193, main Street, Qormi QRM 07

*Specialists in:*
Wedding Head-dresses, Hats,
Souvenirs & Bouquets,
Artificial Plants, Silk Flowers
& Flora Mechanics
Section of Ladies' Hats for Hire.
We also ater for internal
flower decorations

Raymond Falzon
*Il Fiorista*
*for all your floral needs*

**Tel: 499245**

Commercial Cleaners

*Managing Director*
Denis Xuereb

Bl 3, Apt 10,
Pietà Apartments,
Marina Street,
Pietà

*Mobile:*
097 0793, 097 1824
*Telephone:*
245082, 240925